MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2010

Numru. 671/2010

Il-Pulizija
(Sp James Grech)
vs
Nicholas Joseph Ayton Gatt, iben Anthony Joseph, imwieled l-Ingilterra fis-26 ta' Ġunju, 1980, Karta ta' l-Identita numru 217503L

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-30 ta' Ġunju, 2010 għal ħabta tal-11.30 p.m. ġewwa Floriana:
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS1125 A. Mangion, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti u ikkaġunalu ġrieħi ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. A. Cardona (reg. 2641);

2. talli fl-ustess data, ħin, lok u ċirkostanżi nġurja jew hedded, jew għamel offiża fuq PS1125 A. Mangion, persuna ta' wieħed inkarigat skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. għad illi kien xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni;
4. kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
5. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi ta' l-awtorita' jew ta' wieħed li nkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħalliehx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmiru, billi ma ħalliehx jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta' jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor għamel skont il-liġi.

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Lulju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-fatt li l-Qorti ġiet infurmata li dan l-inċident kien ta' entita' minima.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, 221(1) u 338(bb)(ċċ)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------